# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-8 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 261/2013 SM**

**Alfred Zammit**
**I.D. 445062 (M)**
**ezercenti l-kummerc bhala**
**Zammit Garage Mosta**

**vs.**

**Palm Court Limited**
**(C – 2677)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` intimata kienet tqabbad lir-rikorrenti jipprovdi transport ghall-klijenti li kienu jkunu fil-lukanda jew gejjin mill-ajruport;

1.2. Illi kien hemm kontijiet ghaddejjin bejniethom sakemm is-socjeta` intimata waqfet thallas l-ammonti dovuti lir-rikorrenti;

1.3. Illi fil-prezent hemm bilanc komplessiv ta' disgha u ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin euro u erbgha u sebghin centezmu, (€29,229.74), ghal dan it-trasport;

1.4. Illi s-socjeta` intimata ma tichadx li ghandha taghmel dawn il-pagamenti;

1.5. Illi kull m'ghamlet s'issa kien li talbet dilazzjoni tal-pagamenti dovuti;

1.6. Illi s-socjeta` intimata topera l-Qawra Inn Hotel u m'ghandiex eccezzjonijiet x'tipproduci;

1.7. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk qed jintalab li l-procedura ssir bil-giljottina;

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tittratta u tiddeciedi l-kaz *ai termini* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 12), *stante* li l-ammont dovut hu wiehed cert, likwidu u dovut;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €29,229.74, bilanc minn somma akbar bhala hlas ta' transport ta' klijenti taghha maghmula fuq ordni tal-istess socjeta`;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet mill-10 t'Ottubru, 2012;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3. Rat ir-rikors datat id-9 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` intimata, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li tkun awtorizzata tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 22);

4. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Gunju, 2013, u ghar-ragunijiet hemm indikati awtorizzat lis-socjeta` intimata biex tipprezenta r-risposta taghha sat-terminu hemm indikat, (ara foll 30);

5.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata l-1 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 33);

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

5.2. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti *stante* li:

5.2.1. Qatt m'ghamlet negozju mieghu;

5.2.2. In-negozju sar mas-socjeta` estera Malta Bargains Limited;

5.3. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux dovut mis-socjeta` intimata;

5.4. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub hu wiehed eccessiv;

5.5. Illi m'ghandiex tbati spejjez;

6. Rat in-nota datata t-23 ta' Frar, 2015, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati, s-socjeta` intimata talbet li tkun awtorizzata tressaq eccezzjoni ulterjuri, (ara foll 156);

7.0. Illi wara d-digriet datat il-11 ta’ Marzu, 2015, li permezz tieghu intlaqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 156 u 159), rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` intimata datata t-18 ta’ Marzu, 2015, li permezz taghha sintetikament issottomettiet is-segwenti, (ara foll 160):

7.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *a tenur* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (minn issa ’l quddiem Kap 16);

7.2. Salv risposti ulterjuri;

7.3. Illi m’ghandiex tbati spejjez;

8. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta’ Novembru, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet u wara li ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x’jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 240);

9. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-24 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 241), flimkien ma dik tas-socjeta` rikorrenti datata l-21 ta’ Marzu, 2017, (ara foll 244);

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

12. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata datat il-25 ta’ Mejju, 2017, li permezz tieghu iddikjarat li kienet qed tistrieh fuq in-nota ta’ sottomissjonijiet fuq riferita, (ara foll 254);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw bidu ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti qed jitlob €29,229.74 mis-socjeta` intimata – bilanc minn somma akbar;

13.2. Illi l-ammont *de quo* qieghed jintalab ghas-servizz li r-rikorrenti qed jallega li ippresta lis-socjeta` intimata konsistenti fit-trasport ta' turisti minn u lejn l-ajruport;

13.3. Illi r-rikorrenti jsosstni li dan l-inkarigu kien moghti lilu mis-socjeta` intimata li topera wkoll il-lukanda Qawra Inn Hotel fil-Qawra, (ara foll 132);

13.4. Illi s-socjeta` intimata tirribatti s-segwenti:

13.4.1. Illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, billi s-socjeta` intimata ma kienitx qed topera fiz-zmien indikat, (ara foll 33 u 132);

13.4.2. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux dovut, u fl-ahjar ipotesi, hu wiehed eccessiv, (ara foll 33);

13.4.3. Illi *di piu`*, sussegwentement eccepiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16, (ara foll 160);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi in vista tal-premess il-kweziti li ghandhom jigu risolti huma s-segwenti:

14.1. Ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti: (ara paragrafu numru hmistax (15.), aktar 'l quddiem);

14.2. Il-preskrizzjoni: (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar 'l quddiem);

14.3. L-eccessivita` tal-ammont mitlub mir-rikorrenti: (ara paragrafu numru wiehed u tletin, (31.), aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

## A. Ir-Relazzjoni Guridika bejn il-kontendenti:

15. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata tirrispondi billi ssosstni li mhix responsabbli ghall-ammont mitlub minnha mir-rikorrenti ghaliex ma kienitx hi li inkarigat lir-rikorrenti biex igorr turisti minn u lejn l-ajruport, izda s-socjeta` Malta Bargains Limited, (ara foll 33 u 132);

16. Illi effettivament, gie indikat li s-socjeta` intimata lanqas biss kienet operattiva fil-perjodu in dizamina, (ara foll 132);

17. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti jsosstni li hu kien jircievi struzzjonijiet appoziti biex iwassal jew jigbor turisti lejn u mill-ajruport, (ara foll 4 u 236 konsistenti fi struzzjonijiet appoziti moghtija lir-rikorrenti fuq ittra intestata f'isem is-socjeta` intimata);

18. Illi n-numru tal-VAT indikat fl-imsemmija struzzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti jappartjeni lis-socjeta` intimata, (ara foll 242);

19. Illi a bazi ta' l-istruzzjonijiet hekk similment ricevuti r-rikorrenti jsosstni li kien jibghat il-kontijiet tieghu ghas-servizz minnu pprestat lis-socjeta` intimata, (ara foll 242);

20. Illi in effetti il-kontijiet mahruga mir-rikorrenti ghal dan is-servizz kienu jintbaghtu lis-socjeta` intimata, (ara foll 58 sa 126);

21. Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta` intimata kienet ukoll tohrog ir-*"remittance advice"*, senjatament id-dettalji dwar l-ammonti minnha dovuti ghas-servizz moghti lilha mir-rikorrenti, (ara foll 43 sa 54);

22. Illi f'dan ir-rigward ghandu ghalhekk jirrizulta pacifiku li d-dokumentazzjoni surriferita tindika ragonevolment li r-relazzjoni li kienet tezisti biex tassigura li s-socjeta` intimata tinghata s-servizz minnha pretiz, kienet bejn il-kontendenti f'din il-kawza u mhux kif allegat mis-socjeta` intimata, *stante*

li s-socjeta` minnha indikata bhala dik li tat l-istruzzjonijiet lir-rikorrenti fir-rigward, ma tiffigura imkien;

23. Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, fuq bazi ta' probabilita`, din il-qorti hi konvinta li l-ftehim ghall-garr tat-turisti effettivament kien sar bejn il-kontendenti odjerni;

24. Illi konsegwentement, l-ammont komplessiv dovut lir-rikorrenti ghas-servizzi minnu prestati hu dovut mis-socjeta` intimata;

25. Illi ghalhekk, din l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Preskrizzjoni:**

26. Illi permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri s-socjeta` intimata eccepiet il-preskrizzjoni biennali *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16, (ara foll 160);

27. Illi jigi immedjatament sottolineat f'dan ir-rigward li din l-eccezzjoni ulterjuri hekk sollevata mis-socjeta` intimata hi inkompatibbli mat-tieni eccezzjoni originali tal-istess socjeta` intimata fejn hemm sosstniet li l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu wiehed eccessiv, (ara foll 33);

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Consiglio Livori vs. Jacksons Company Limited**, datata s-**27 ta' Mejju, 2015**, fejn fir-rigward ta' tali eccezzjoni gie ribadit li din l-:

> "... eccezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-*quantum* tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn is-socjeta` konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll tacitament irrinunzjat ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri.
>
> Ghaldaqstant, il-preskrizzjoni opposta mis-socjeta` konvenuta hija ineffikaci in kwantu inkompatibbili ma' dik l-eccezzjoni l-ohra illi l-ammont huwa eccessiv";

29.0. Illi in vista tal-istess dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet hekk sollevati mis-socjeta` intimata jirrizultaw li huma kontradittorji ghal xulxin *stante* li:

29.1. Min-naha l-wahda qed teccepixxi l-preskrizzjoni biennali *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16; u

29.2. Min-naha l-ohra issosstni li ghalkemm ghandha taghti ammont lir-rikorrenti pero`, l-ammont dovut lilu mhux daq dak minnu rikjamat *stante* li dan hu ammont eccessiv;

30. Illi in vista ta' din l-inkompatibbilita` logika riskontrata l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**C. L-Eccessivita` tal-Ammont Pretiz:**

31. Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata, r-rikorrenti irribadixxa billi ipprezenta prospett tal-ammonti minnu pretizi ghas-servizz minnu ipprestat, (ara foll 40 *et seq.*);

32. Illi analisi tal-istess prospett jikkonferma li l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti hu dak minnhu pretiz fl-azzjoni odjerna, (ara rispettivament foll 41 u foll 142);

33. Illi l-i*statements* ipprezentati mir-rikorrenti f'dan ir-rigward jissosstanzjaw din it-talba tar-rikorrenti, (ara foll 58 sa 126);

34. Illi jigi wkoll sottolineat li ghalkemm is-socjeta` intimata teccepixxi li l-ammont reklamat mir-rikorrenti hu wiehed eccessiv, (ara foll 33), jirrizulta li naqset tipproduci provi in sosstenn ta' dak minnha reklamat;

35. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 562 tal-Kap 12 li jsostni s-segwenti:

> "Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";

36. Illi l-istess artiklu jirrifletti l-principju san u antik:

> *"onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat"*;

37. Illi ghalhekk *stante* li l-allegazzjoni in dizamina saret mis-socjeta` intimata, allura kien jispetta lilha li tipprova l-veradicita` ta' dak minnha allegat, senjatament, li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed eccessiv;

38. Illi ghalhekk, anke din l-eccezzjoni kif sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

39. Illi rigward il-**mertu** tal-vertenza odjerna, jinghad li fid-dawl ta' dak elenkat aktar qabel, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi in vista tad-dokumentazzjoni minnu pprezentata, (ara foll 58 sa 126);

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fir-rigward tal-**imghaxijiet** mitluba mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

40.1. Illi r-rikorrenti qed jitlob li l-imghaxijiet *de quo* jibdew jiddekorru mill-10 t'Ottubru, 2012, (ara foll 2);

40.2. Illi s-socjeta` intimata tirrispondi li dawn l-imghaxijiet:

40.2.1. Primarjament ghandhom jigu respinti *stante* li s-socjeta` intimata qatt ma kellha ness kontrattwali mar-rikorrenti, (ara foll 248); u

40.2.2. Subordinatament, jekk respint dak indikat fil-paragrafu precedenti, l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza, (ara foll 248);

41. Illi jibda biex jinghad li bejn il-kontendenti kien hemm ness kontrattwali verbali li bih ir-rikorrenti kien ihossu obbligat jezegwixxi l-istess anke f'sighat tal-gurnata ibsin;

42. Illi ghalhekk l-allegazzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata fir-rigward qeghda wkoll tigi respinta;

43. Illi fir-rigward tat-talba sussidjarja sollevata fir-rigward mis-socjeta` intimata, issir referenza ghall-artiklu 1141(1) tal-Kap 16 li jistabbilixxi is-segwenti:

> "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita";

44. Illi minn analizi tar-relazzjoni hekk stabbilita bejn il-partijiet ghandu jirrizulta pacifiku li din kienet wahda ta' natura kummercjali;

45. Illi ghalhekk ghandu japplika l-artiklu fuq riferit;

46. Illi ghalhekk, anke din l-allegazzjoni sussidjarja sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

47.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u li s-socjeta` intimata naqset li tipprova kemm l-eccezzjonijiet preliminari minnha sollevati u l-mertu tal-procedura, u konsegwentement:

**DECIDE:**

47.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` intimata;

47.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

47.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti l-ammont ta' €29,229.74, lir-rikorrenti, u dan, bhala

bilanc minn somma akbar ghal hlas ta’ trasport ta’ klijenti tal-istess socjeta` intimata maghmula fuq ordni tal-istess socjeta`;

47.4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat, bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita;

47.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**